**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 9 ta` Jannar, 2018.**

**Talba Nru: 146/2017PA**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Hamish Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-23 ta` Marzu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta` sitt mija, tlieta u disgħin Ewro, tmienja u disgħin ċenteżmu (€693.98ċ), allegatament dovuta lilha bi prezz ta` servizzi u prodotti provduti minnha lill-konvenut, abbażi tat-tariffa 'Smartphone 55 Passport' bil-kont numru 1.10976986. Is-soċjeta` attriċi ppremettiet li, minkejja li interpellat lill-konvenuta diversi drabi sabiex tħallas, din baqgħet inadempjenti. Hija talbet ukoll li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 902/16, flimkien mal-imgħax mid-data meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-ħlas.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament affidavit tal-avukat Dr. Jeremy Debono, fil-kwalita` tiegħu ta` rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, li permezz tiegħu kkonferma li l-konvenuta hija debitriċi tal-istess soċjeta` attriċi fl-ammont reklamat b'din il-kawża; u li minkejja li interpellatha biex tħallas, din baqgħet inadempjenti (Dok. VF1, fol. 2); u rendikont tal-kont tal-konvenuta mas-soċjeta` attriċi minn fejn jirriżulta li l-ħlas reklamat b'din l-azzjoni jirrapreżenta ħlas dovut skont kontijiet maħruga bejn l-1 ta` Novembru 2011 u l-1 ta` Novembru 2013, iż-żewg dati inklużi (Dok. HA1, fol. 3-4).

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqgħet ma ppeżentatx Risposta, u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-5 ta` Diċembru 2017, is-soċjeta` attriċi ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta, li bih riedet tipprova bil-ġurament tagħha li hija debitriċi tal-istess soċjeta` attriċi fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenuta.

Ra li, minkejja dan, il-konvenuta baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni, u biex tikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Ikkunsidra li għalkemm is-soċjeta` attriċi naqset li tipprova r-relazzjoni kuntrattwali bejnha u l-konvenuta, u t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolawha, it-

Tribunal għandu x-xiehda tal-avukat Dr. Jeremy Debono, li kkonferma bil-ġurament tiegħu dak li jirriżulta mir-rendikont preżentat mal-Avviż tat-Talba. Mir-rendikont eżibit mal-Avviż tat-Talba, it-Tribunal feħem li l-konvenuta ħallset diversi pagamenti akkont tal-prezz tas-servizzi prestati lilha fil-perjodu in eżami, u l-ammont mitlub jirrapreżenta l-bilanċ dovut minnha fuq dan il-kont.

Fiċ-ċirkostanzi, fuq bilanċ ta` probabilta`, it-Tribunal jidħirlu li tirriżulta pruvata l-pretensjoni tas-soċjeta` attriċi kontenuta fl-Avviż tat-Talba.

Kwantu għat-talba tas-soċjeta` attriċi biex it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha imgħax legali b'effett mid-data ta` kull kont li hija naqset li tħallas, din it-talba ma tirriżultax pruvata fin-nuqqas (i) tal-aħjar prova ta` kull fattura; (ii) tal-prova li l-konvenuta hija *'kummerċjant'*, jew li l-kuntratt li kellħa mal-konvenut kien jikkostitwixxi *'att ta` kummerċ'*, fit-termini tal-**art. 2** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** (Kap. 13 tal-Liġijiet ta` Malta), liema elementi kienu meħtieġa sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-prova tal-obbligazzjoni kummerċjali għall-finijiet tal-**art. 1141(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** (Kap. 16 tal-Liġijiet ta` Malta); (iii) ta` kwalsiasi prova oħra li l-konvenuta intrabtet bl-obbliġu li tħallas l-imgħax mid-data tal-kontijiet dovuti, u mhux imħallsa tempestivament.

Kwantu għat-talba biex it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 902/16, għalkemm dan l-att ma ġiex eżibit fl-atti mis-soċjeta` attriċi, it-Tribunal ivverifika mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li s-soċjeta` attriċi tassew kienet intavolat dan l-att kontra l-konvenuta, liema att baqa' qatt ma ġie notifikat lilha minkejja d-diversi tentattivi ta` notifiki li għamlet is-soċjeta` attriċi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta` attriċi, u konsegwentemet jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta` sitt mija, tlieta u disgħin Ewro, tmienja u disgħin ċenteżmu (€693.98ċ), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 902/16 jitħallsu mill-konvenuta.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**